Qorti tal-Appell
(Kompetenza Inferjuri)

Imhallef Anthony Ellul

Appell numru: 296/2015/1

**Victor Bugeja (appellat)**

**Vs**

**Proinvest Ltd (appellanti)**

29 ta' Marzu, 2019.

1. B'sentenza tal-4 ta' Gunju, 2018 il-Qorti tal-Magistrati (Malta) ikkundannat lill-konvenuta thallas lill-attrici s-somma ta' sebat elef seba' mija u tlieta u tmenin ewro u ghaxar centezmi (€7,783.10) bilanc ta' hlas dovut ghal xoghol li sar f'dar f'San Pawl tat-Targa fuq inkarigu tal-konvenuta, u cahdet ir-rikovenzjoni tal-konvenuta li biha talbet minghand l-attur hlas ta' tmint elef tlett mija u disgha u erbghin ewro u sebgha u tmenin centezmu (€8,349.87) in kwantu ghal:
   i. €1,268.50 xoghol li ghamlet il-konvenuta fuq inkarigu tal-attur;
   ii. €5,611.37 danni li sofriet il-konvenuta ghal xoghol zejjed li zewg mastrudaxxi kellhom jaghmlu minhabba li l-attur naqas milli jlesti xoghol kif kien miftiehem ghall-progett ta' ristorant gewwa l-Algerija;
   iii. €1,470 ikel u akkomodazzjoni ghal zewg mastrudaxxi ghal sebat ijiem fl-Algerija sabiex ix-xoghol jitranga;

2. B'rikors prezentat fil-15 ta' Gunju, 2018 il-konvenuta appellat mis-sentenza u lmentat:

> *"Illi l-fatti fis-semplicita taghhom huma li ghalkemm l-attur verament ghamel xoghol ghas-socjeta konvenuta fil-fatt bhala parti mix-xoghol li kien hemm ftehim fuqu u cioe' x-xoghol li kellu jaghmel ghall-progett tas-socjeta konvenuta fl-Algerija, ix-xoghol tal-attur kien daqshekk hazin li meta tikkunsidra d-danni sofferti mis-socjeta konvenuta, huwa l-attur li ghandu jaghti ammont lis-socjeta konvenuta ......*
>
> *c) Illi l-aggravju huwa car ghaliex jirrizulta b'mod manifest li l-ewwel qorti naqset meta ma kkunsidrax ix-xhieda mhux kontradetta tad-direttur tas-socjeta intimata dwar ix-xoghol hazin provdut mill-attur.....*

*e) Illi ma hemm l-ebda raguni ghaliex ma ghandiex tigi emnuta l-verzjoni ta' David Cutajar u ta' Markus Micallef dwar ix-xoghol hazin tas-socjeta attrici. Per ezempju hemm xhieda dwar il-fatt li meta intbaghat l-ghamara l-bibien kollha kienu jinfethu ghall-istess naha meta skont il-pjanti provduti lill-attur dan ma kienx il-kaz. Illi inoltre filwaqt li l-ftehim kien li l-ghamara kellha tkun mibghuta mill-attur kellha tkun lesta meta tasal fl-Algerija .... meta waslet l-istess ghamara kienet kollha sfuza u s-socjeta konvenuta kellha timpjega mastrudaxxi sabiex jahdmu fuq dan ix-xoghol li suppost kellha tkun lest.*

*f) Illi fix-xhieda tieghu Ing. Alfred Camilleri jghid li Bugeja kellu imur Algeria sabiex jaghmel supervizjoni tax-xoghol. Bugeja naqas li jaghmel hekk u dan kien kagun ta' danni ulterjuri lis-socjeta konvenuta.*

*g) Illi fl-affidavit tieghu Markus Micallef jispjega kif u ghaliex is-socjeta konvenuta sofriet l-ammont li qieghda tippretendi f'din il-kawza".*

3. Fl-10 ta' Lulju, 2018 l-attur wiegeb u ta r-ragunijiet ghalfejn l-appell ghandu jkun michud.

4. Il-qorti tibda biex tosserva li l-appell tal-konvenuta hu limitat dwar ir-rikonvenzjoni.

5. Fir-rikors tal-appell il-konvenuta ma semmiet l-ebda raguni ghalfejn din il-qorti ghandha tiskarta r-ragunament tal-ewwel qorti fir-rigward tas-somma ta' €1,268.50 li l-konvenuta tiddeskriviha bhala somma li tirraprezenta, *".... xoghol maghmul minn Proinvest Ltd fuq talba tal-attur"*. F'dan il-kuntest l-ewwel qorti rragunat:-

*"Jirrizulta illi l-kont relatat ma' xoghlijiet privati illi ghamlet is-socjeta intimata lir-rikorrent kien datat 21 ta' Jannar 2015, vide fol 56, liema xogholijiet kienu principalment disinji u pjanti maghmulha mis-socjeta intimata lir-rikorrenti ghad-dar privata tar-rikorrenti gewwa in-Naxxar.*

*Jirrizulta illi r-rikorrent jikkontendi illi huwa qatt ma rcieva dana il-kont u qatt ma ircieva ebda drawings tant illi eventwalment uza persuna ohra sabiex jaghmillu d-disinji tad-dar tieghu. L-istess rikorrenti jikkontendi wkoll illi huwa sar jaf b'dana il-kont biss wara illi beda l-proceduri odjerni f'Ottubru 2015.*

*Jirrizulta, mid-dokumentazzjoni esebita mis-socjeta intimata flimkien mad-difiza taghha, illi fl-istatement minnha esebita li turi kemm kellha thallas lir-rikorrenti, filwaqt illi ssir indikazzjoni ghal fatt illi mill-ammont dovut kellu jitnaqqas ammont li kellu jigi likwidat in konnessjoni ma' problemi fuq il-kuntratt tal-Algerija, ma saret ebda indikazzjoni ghal kont tas-servizzi personali resi mis-socjeta intimata.*

*Ghaldaqstant, hija verosimili li l-verzjoni tal-fatti mressqa mir-rikorrent dwar tali servizz hija ferm aktar kredibbli minn dik tas-socjeta intimata, fis-sens illi tali kont kien biss mahrug rizultat tal- kawza odjerna u ma kienx jirrifletti xoghol illi sar mis-socjeta intimata, liema xogholijiet attwalment ma kienux saru".*

6. Dwar is-somma pretiza mill-attur, Mark Micallef ghall-kumpannija konvenuta, xehed li kienet inkarigata lill-attur f'*direct orders* b'valur ta' €30,000. Kompla:

> *"Ghall-invoicing kollu li nhareg minn Bugeja Woodworks, saru pagamenti kontra dawn l-invoices hlief ghal €7,129.57 skont Proinvest Ltd u €7,797.40 skont is-sur Bugeja. Illi allura d-differenza fuq xi thallas u x'gie invoiced m'hemmx qbilx fuq €667.83. Din id-differenza tohrog mill-invoice no. 11/13 tad-29 ta' Mejju tal-2013 (ara Dok. PL1 u Dok. PL2). Dan ghaliex kuntrarju ghal dak miftiehem mas-sur Bugeja hekk kif imsemmi iktar 'l fuq, dak li fuq l-invoice 11/13 huwa markat bhala 'extras' ma nghatax l-iskont ta' ghaxra fil-mija (10%)".*

7. Gialadarba fir-rikors tal-appell il-konvenuta m'ghamlet l-ebda argument li bih tikkontesta r-ragunament tal-ewwel qorti biex tikkonvinci lil din il-qorti li dak ir-ragunament hu manifestament zbaljat, m'hemmx bazi sabiex din il-qorti tistharreg dak ir-ragunament.

8. Fin-nota ta' sottomissjonijiet li l-konvenuta pprezenta fl-ewwel qorti, argumentat (fol. 203):

> *"In konkluzjoni s-socjeta konvenuta tissottometti li l-attur naqas **meta baghat l-ghamara minghajr ma' din tkun 'assembled', naqas meta baghat bibien li kollha jinfethu fuq l-istess naha** meta kien hemm drawing li juru mod iehor u naqas meta ma marx jissorvelja x-xoghol. Dawn in-nuqqasijiet kollha rrizultaw f'danni ghas-socjeta konvenuta li kellha thallas biex tibghat zewg joiners l-Algeria sabiex jirrimedjaw ix-xoghol hazin".*

9. Il-qorti tosserva li:
    i. L-ilment dwar bibien hu limitat ghal tnejn u mhux kollha;
    ii. Mill-provi ma rrizultax li l-mastrudaxxa ntbaghatu l-Algerija sabiex jirrimedjaw ix-xoghol hazin, izda ghaliex il-klijent tal-konvenuta bidel fehemtu kif ser jinghad iktar 'il quddiem.

10. Fir-rigward tax-xoghol li l-attur ghamel b'riferenza ghall-progett tal-Algerija, hu fatt li l-Inginier Alfred Camilleri xehed li l-attur kien qallu li kien ser imur l-Algerija ghall-gimghatejn *"to supervise the fitting"* (fol. 120). Pero' jirrizulta li

minn meta ntbaghat ix-xoghol tal-injam sakemm intrama u tpogga fil-post, ghadda zmien mhux hazin (David Camilleri semma sena jew sentejn, fol. 101) u c-cirkostanzi nbidlu.

11. M'hemmx prova li bejn il-partijiet qatt sar xi kliem dwar l-ispejjez u hlas li kellu jircievi l-attur ghall-perjodu li matulu kien ser ikun qieghed l-Algerija. Fil-fatt hadd mill-partijiet ma alluda li kien hemm xi ftehim f'dak is-sens. Wiehed ma jistax jipparaguna dan il-kaz ma x'jigri normalment meta persuna tordna xoghol tal-injam, u dan jinkludi l-inkarigu tal-konsenja u tqeghid fil-post. F'dan il-kaz, l-ordni kienet ghal ristorant li jinsab barra minn Malta. Ma tressqet l-ebda prova li qabel inghata l-kuntratt l-attur kien ta stima bi prezz li jinkludi gimghatejn fl-Algerija sabiex jaghmel supervizjoni.

12. Inoltre, lanqas ma tressqet prova dokumentarja wahda fejn il-konvenuta pprotestat mal-attur talli ma marx l-Algerija sabiex jaghmel is-supervizjoni. Il-qorti kienet tippretendi li kieku l-attur kien inadempjenti f'obbligu kuntrattwali bhal dak, il-konvenuta kienet tipprotesta mal-attur u zzommu responsabbli ghall-spejjez addizzjonali. Prova ta' dan m'hemmx. L-istess jinghad fir-rigward tal-fatt li x-xoghol tal-injam intbagaht mhux mghaqqad. David Camilleri xehed li l-ftehim kien li per ezempju fil-kaz ta' bieb kellu jkun li, *"... tista' taqbad u twahhlu u jehel. Imma mhux li toqghod tarmah u taghmillu l-affarijiet. Jigifieri jrid ikun bieb komplut"*. Il-qorti tistenna li jekk dak kien il-ftehim, il-konvenuta kienet tipprotesta minnufih kif ix-xoghol kien konsenjat u nfetah. Prova ta' dan ma saritx.

13. Dan apparti li l-pjan oriġinali kien li x-xoghol jintrama u jitwahhal mill-klijenti tal-konvenuta (ara affidavit ta' Mark Micallef, fol. 50). L-istess Micallef spjega li eventwalment il-klijent kien inkariga lil, *"Proinvest sabiex tqabbad nies tas-sengha biex* ***ighaqqdu x-xoghol kollu*** *u ghalhekk gew imqabbda zewg mastrudaxxi fost haddiema ohra"*. Zvilupp li kien estranju ghall attur, u ghaldaqstant zgur li m'hemmx inadempjenza kuntrattwali. Qatt ma kien hemm ftehim li l-attur ser jitla' jarma x-xoghol hu. Kien ovvju li l-ahjar

soluzzjoni kienet tkun dik. Ghalhekk kien fl-interess tal-konvenuta li tasal f'arrangament mal-attur sabiex jitla' l-Algerija u jarma x-xoghol tal-injam li kien immanifattura hu stess. Dan iktar u iktar meta skont David Camilleri, li kien jahdem mal-konvenuta, kienet saret laqa' sabiex l-attur jaghti *handover* lill-mastrudaxxa li kienet inkarigat il-konvenuta, u l-attur ma kienx baqa' jiftakar daqstant ghaliex kien ghadda zmien minn meta kien hadem ix-xoghol tal-injam ghal meta kienu ser jitilghu l-mastrudaxxi nkarigati mill-konvenuta. Ghaldaqstant, gialdarba inbidlu l-pjanijiet originali kien fl-interess tal-konvenuta li taghmel proposta favorevoli lill-attur biex tizgura li jaccetta li jitla' personalment u jarma x-xoghol tal-injam li kien ipproduca. Pero' ovvjament kien hemm bzonn li jintlehaq ftehim mal-attur. Madankollu m'hemmx prova li bejn il-partijiet qatt saru diskussjonijiet f'dak is-sens, u li kieku saru kienu certament jinkludu l-ispejjez u hlas li kien ikun dovut lill-attur.

14. Mark Micallef xehed:

> "Il-mastrudaxxi meta kienu qed jahdmu fuq is-sit, indunaw li x-xoghol ma kienx skont l-arti u s-sengha u ghalhekk damu iktar milli kien mehtieg sabiex ilestu x-xoghlijiet taghhom ...... *ix-xoghol tal-mastrudaxxi ha iktar zmien milli kien previst, il-kumpannija Proinvest sofriet danni ulterjuri li jammontaw ghal €1,470 f'akkomodazzjon u ikel ghaz-zewg mastrudaxxi"*.

15. Pero' l-mastrudaxxi li ntbaghatu l-Algerija baqghu ma tressqux bhala xhieda. Ovvjament l-attur ma kellux kontroll fuq dak li ghamlu l-mastrudaxxi Maltin li nkarigat il-konvenuta u dak li sabu fil-post. Fic-cirkostanzi l-konvenuta ma tistax tippretendi li fuq *sweeping statement* bhal dak ta' Micallef, l-ewwel qorti kellha bilfors taccetta dik il-verzjoni.

16. Jidher li l-konvenuta qeghda tistrieh fuq email li certu Kurt ta' ditta Azeta baghat lil Micallef **fl-4 ta' Awissu, 2014** (fol. 91) fejn infurmah, *"As I promise you I am sending you this e-mail regarding the missing work/things in Algiers carpentry works. Pls keep this email between me & you"*. Fiha jissemma li:

> " *External doors & window missing handles
> *External doors bolts don't enter in place
> *Swinging hinges missing
> *2 door closers missing*

**The bars of the main door missing*
** Internal doors all open same way*
**Internal doors handles don't fit properly*
**Internal doors some of the bathrooms the door frame were smaller (Did not calculate the tiles)*
**Bar was all in pcs not mounted*
**The other cabinets were in 2 pcs not mounted together*
**Panelling setting not checked*
**The upper & downside brass in my opinion suppose to be ready fixed with plywood (as a kitchen plinth)*
**The brass that was mounted by us in the panelling in my opinion suppose to be ready fixed with the panelling frame*
**Still for me the tubes suppose to be ready mounted with the panelling frame*
**The back for the panelling suppose to be painted same colour as panels"*.

17. Pero' l-email taghlaq, *"Markus I wrote you all items but I don't know the agreement between you & Victor, so you need to check all the points that I am writing your"*. Il-*claim* tal-konvenuta hi spjegata f'Dokument B (fol. 10) mehmuz mat-twegiba. Il-qorti tosserva kif:

    i. Dwar zewg bibien li l-konvenuta ssostni li kienu jinfethu f'direzzjoni zbaljata, ma ntqalx x'sar minnhom u wisq lanqas ma gew prezentati kont u ricevuti ta' xiri ta' bibien godda. Inoltre, l-attur xehed li waqt li kien ghaddej ix-xoghol, kienu jmorru jaraw il-progress tax-xoghol tlieta min-nies mibghuta mill-konvenuta (l-attur semmihom b'isimhom, fol.164). L-attur baqa' jinsisti li l-bibien kien ghamilhom jinfethu skont il-pjanti li l-konvenuta tatu (fol. 161).

    ii. Dwar il-bar, m'hemmx prova tant b'sahhitha li tista' twassal lil din il-qorti biex tikkonkludi li probabbilment il-ftehim kien li l-*bar* kellu jintbaghat armat diga'. L-istess fir-rigward tal-*wall panels*. Mark Micallef stess qatt ma xehed li l-ftehim kien fis-sens li x-xoghol tal-injam jintbaghat l-Algerija diga' armat.

    iii. Issemmew ukoll xi parts li kienu neqsin. Irrizulta li l-konvenuta kienet inkarigat l-inginier Alfred Camilleri sabiex, *"... niccertifikaw ix-xoghol qabel ma jitla' l-Algerija.... biex niccertifikaw il-prodotti li hergin minn Malta li huma to spec, li huma maghmulin bis-sengha, li ma ghandhomx damages u l-bill of quantities huwa korrett. Ghamilt*

*certifikazzjoni ta' xi erba' jew hames containers jigifieri qabel ma gew shipped"* (fol. 116). Alfred Camilleri ghamel l-ezercizzju u ma saret ebda rizerva. Hu stess xehed, *"Jien ma kontx niffirma l-bill of quantities jekk ix-xoghol ma jkunx maghmul skont is-sengha".* Ladarba Camilleri ccertifika x-xoghol kollu, il-qorti ma tarax kif il-konvenuta tista' tilmenta li kien hemm oggetti neqsin.  L-ezercizzju li ghamel Camilleri fih innifsu kien certifikat li l-attur wettaq dmiru, tant hu hekk li thallas. Ghalkemm David Camilleri semma li kienu nstabu oggetti neqsin, mistoqsi x'kienu wiegeb *"Ma nistax nghid ezatt"* (fol. 107). Jirrizulta li kien hemm *packing list* li fiha kien hemm elenkat l-oggetti li ntbagahtu. Dokument li l-konvenuta baqghet ma pprezentatx.

18. Fil-fehma tal-qorti sabiex il-konvenuta tirnexxi fil-pretensjoni taghha, kien mehtieg li tressaq bhala xhieda lill-mastrudaxxa li ramaw u poggew ix-xoghol ta' injam li pproduca l-attur, kif ukoll tipprezenta kontijiet u ricevuti ta' hlasijiet li tghid li ghamlet minhabba l-allegati nuqqasijiet tal-attur. Hu minnu li Micallef xehed li kien ircieva taghrif minghand il-mastrudaxxa li x-xoghol ma kienx 'tajjeb', pero' hu ovvju li l-ahjar prova kienet ix-xhieda tal-mastrudaxxa li marru u hadmu l-Algerija. Ma jirrizultax li Micallef kien mar l-Algerija personalment u vverifika l-allegati nuqqasijiet. Dan iktar u iktar meta l-inginier Camilleri iddikjara bla tlaqliq li x-xoghol tal-attur kien sar skont is-sengha u l-arti.

**Ghal dawn il-motivi tichad l-appell bl-ispejjez kontra l-appellanti.**

Anthony Ellul.